MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 589/2001/1

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Victor Balzan u b'digriet tal-4 ta' Gunju, 2002 giet kjamata in kawza s-socjeta` "B & B Property Development Company Ltd"**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Mejju, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1083 (elf u tlieta u tmenin lira Maltin) oltre l-imghax kummercjali mid-data ta' “acknowledgement of order" tal-4 ta' Awissu 1999 rapprezentanti prezz ta’ “ceiling-type airconditioner” installat fil-fond kummercjali Casa Blanca City (illum Kayos), fi Triq Gdida bla isem (li tisbokka go Triq Elia Zammit), Paceville, fuq inkarigu ta’ certu Ibrass Sam, li f’Awissu 1999 kien qed jiggestixxi l-istess fond u li sussegwentement telaq minn Malta, bla ma hallas l-ammont dovut skond l-“acknowledgement of order” numru 448 tal-4 t’Awissu 1999. Il-konvenut Victor Balzan bhala proprjetarju tal-fond fuq riferit qieghed jintalab ihallas a bazi tal-principju tal-kwazi-kuntratt “actio del rem verso”, stante li arrikkixxa ruhu indebitament, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Il-konvenut la ghandu u la qatt kellu ebda relazzjoni giuridika mas-socjeta attrici.

2. Il-konvenut la kien u lanqas hu l-proprjetarju tal-fond indikat fl-avviz u ghalhekk qatt ma setgha arrikixxa ruhu indebitament.

3. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra r-risposta tas-socjeta’ kjamata fil-kawza fejn eccepiet:

1. Illi hija qatt ma kellha relazzjoni mas-socjeta’ attrici;

2. Illi s-socjtea’ attrici messha qabel xejn ipprocediet kontra l-allegat xerrej tal-“aircondtioner unit”;

3. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta;

4. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni l-propjreta’ tal-unit in kwistjoni ghaddiet b’mod legittimu f’idejn is-socjeta’ konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ ix-xhieda w ezamina id-dokumenti, u n-nota ta’ osservazzjonijiet.

Ikkonsidra

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li s-socjeta’ attrici bieghet air conditioning unit lil certu Ibrass Sam li kien inkwilin ta’ hanut propjeta tas-socjeta’ kjamata fil-kawza. Dana ma hallasx, ghosfor minn Malta u s-socjeta’ attrici produciet gjudizzjarjament biex tithallas kontra z-zewg konvenuti.

Illi l-konvenut Victor Balzan jeccepixxi li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni gjuridika mas-socjeta’ attrici billi la hu propretarju u wisq anqas n-negozja f’ ismu personali mal-ex- inkwilin li innegozja mas-socjeta’ attrici. Meta ffirma l-licenzji, huwa iffirma bhala Direttur u mhux fil-kapacita tieghu personali. Konfrontat b’ din ix-xhieda, is-socjeta’ attrici kkjamat fil- kawza s-socjeta’ B&B Property Development Co. Ltd.

Da parti taghha, din is-socjeta’ tat diversi eccezzjonijiet. Veru li qatt ma ghamlet xi negozju maghha, pero l-air conditioning unit kien jinstab fi proprjeta taghha. Kif gie ppruvat minnha, dan l-unit gie fil-pussess taghha tramite l-ex inkwilin. La kienet komplici u wisq anqas kompjacenti. Kienet qed tigi imfittxija ghal prezz ta’ oggett li ma ordnatx minghand is-socjeta’ attrici. Kienet inattiva fl-akkwist tieghu. Stante li ma gie allegat da parti tas-socjeta’ attrici li l-kuntratt tal-bejgh ma sarx kondizzjonat bil-‘pactum riservati dominii’, allura dan sar proprjeta tal-istess Ibrass Sam. Ghalkemm siefer minn Malta, kwalunkwe sentenza fil-konfront ta’ kuraturi deputati biex jipprezentawh fl-assenza tieghu setghet tigi esegwita fuq l-istess unit li kien ikun soggett ta’ mandat ta’ qbid, ta’ elevazzjoni u kunsinnatarju.

Is-socjeta’ attrici ghazlet it-triq legali bhala procedura li tipprocedi gjudizzjarjament kontra s-socjeta’ kjamata fil-kawza. Stante li l-istess ‘unit’ hu oggett mobili li facilment jista’ jinqala minn postu u ma jaccedix bhala benefikat ma’

fond immobbli, u minghajr ma ssirlu hsara, allura l-azzjoni ‘de in veru verso ma tistax tregi.

Is-socjeta’ attrici allegat li l-konvenuti kkommettew jew ahjar qed igawdu minn xi arrikkiment in debitu, fil-konfront taghha. Is-socjeta’ konvenuta hadet dawk il-passi remedjali gjudizzjarji sabiex tissalvagwardja l-interessi kummercjali taghha in konfront ma Ibrass Sam l-ex inkwilin taghha. Ma ghandhux jigi penalizzat ghax agixxew ta’ bonus paterfamilias.

Jigi rilevat li s-socjeta’ attrici naqset li tipprova l-kaz taghha ghalkemm dan l-oneru kien jisgombi lilha. Is-socjeta’ attrici titlob ukoll in ultima analisi, kif redatt fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, li dan it-Tribunal jiddeciedi l-kaz a bazi ta’ ekwita! Din l-ekwita tigi ezercitata meta l-attur ikollu dritt u ma jistax jigi suggragat hlief tramite l-operat tal-ekwita. Li kieku t-Tribunal kellu jezercita din id-diskrezzjoni, ikun qed jikkommetti ingiustizja aktar kbira mal-istess konvenuti. Aktar u aktar meta l-istess socjeta’ attrici setghet tiehu passi ohra biex tiehu hsieb l-interessi u drittijiet taghha.

Jiddeciedi billi jilqa l- eccezjonijiet tal-konvenut Victor Balzan u jilliberah mill-osservanza tal-gjudizzju, jilqa l-eccezjonijiet tas-Socjeta’ kjamata fil-kawza, jichad it-talbiet attrici, u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjes taghha u b’ hekk jibqghu bla taxxa bejniethom.”

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju generali li t-Tribunal mar b’mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita` u tal-ekwita`. In partikolari, hi ssostni li t-Tribunal kellu jiddeciedi skond l-ekwita` u ma kellux jintilef fuq punti purament legalistici. Hi tikkontendi li l-azzjoni minnha esperita setghet tigi utilizzata (i) f’kaz li d-debitur principali u ex-contractu tal-attur fil-kawza jkun harab jew miet u halla biss djun warajh u (ii) l-konvenut ikun arrikkixxa ruhu ndebitament u bla kawza ta’ xejn a skapitu tal-attur.

L-ewwel u, anzi, l-unika oservazzjoni li riedet issir f'din il-kawza mhiex dik semplicistika suggerita mis-socjeta` appellanti fis-sens illi t-talba taghha kellha tigi derminata skond l-ekwita`, kif hekk del resto jippreskrivi l-Artikolu 7(1) tal-Kap 380. Preordinatament ghal dan kellu jigi stabbilit jekk l-azzjoni innifisha esperimentata kienetx proponibbli. Is-sentenza appellata kellha tinqara proprju f'dan is-sens u kuntest. Fi kliem iehor, ghandu jigi stabbilit jekk setghetx is-socjeta` appellanti tezercita l-azzjoni "de in rem verso" hekk minnha mqeghdha bhala bazi fl-istess avviz promotur kontra l-konvenut u s-socjeta` msejha fil-kawza. Huwa dan il-punt li jrid jigi ezaminat u epurat. Ir-rikjam ghall-principju tad-dritt ekwitattiv ghandu valur jekk jinstab qabel xejn illi l-azzjoni giet sewwa proposta, u dan fir-rigward tar-rizultanzi probatorji mressqa mill-kontendenti.

Huwa notorjament ricevut fid-dottrina illi l-azzjoni ta' l-arrikkament indebitu mhijiex proponibbli meta l-kreditur danneggjat seta' jezercita azzjoni ohra biex jgi indennizzat ghall-pregudizzju soffert. Difatti hu maghruf illi l-azzjoni "de in rem verso" ghandha karattru sussidjarju. Din is-sussidjarjeta` tal-azzjoni hi ntiza fis-sens li hu bizzejjed biex tigi eskluza l-proponibilita` taghha l-fatt tal-possibilita` ta' azzjoni diversa. Dan indipendentment mill-konsiderazzjoni jekk din l-azzjoni diversa tistax twassal ghal rizultat utli. Skond it-**Trabucchi** ("Arrichimento") l-azzjoni ta' l-arrikkament hi inammissibbli anke meta l-azzjoni diversa tkun saret improponibbli jew esperita inutilment. Biex jista' jkun xort'ohra u l-azzjoni 'de qua' tkun tista' ssir 'in via subordinata' jrid jirrizulta li fil-kawza l-ohra d-domanda tkun giet michuda minhabba l-karenza "ab origine" tal-azzjoni "ex contractu" ghal motiv, per ezempju, tad-difett tat-titolu migjub bhala l-bazi taghha.

Fir-rigward tal-konsiderazzjoni premessa l-gurisprudenza taghna tidher li hi wahda konkordi u pacifika.

(1) "L-azzjoni de in rem verso hija esperibbli biss meta mhiex esperibbli l-azzjoni "ex contractu"; u ghalhekk meta l-attur ghandu l-azzjoni "ex contractu" kontra d-debitur,

huwa ma jistax jagixxi kontra haddiehor bl-azzjoni ‘de in rem verso’ – **Kollez. Vol. XXXIV pIII p784**);

(2) “Kwantu ghall-pretensjoni tal-appellant, fis-sens li huwa ghandu dritt ghall-hlas tas-somma reklamata bl-“actio de in rem verso”, jinghad li din l-azzjoni hi rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta’ haddiehor, u ssib il-fondamentament taghha fil-principju “jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem” (L206 fr.de regulis juris). Dan ir-rimedju gie koncess fil-kazijiet fejn ma hiex esperibbli l-azzjoni “ex contractu” - **Kollez. Vol. XLI pI p631**.

(3) “Minn dan li ntqal fuq jitnissel illi din l-azzjoni, ntrodotta mill-ekwita` tal-pretur ruman, giet estiza ghal kwalunkwe vantagg li persuna tirritraji mill-fatt ta’ haddiehor, minghajr titolu guridiku, jew b’titolu difettuz, jew null” – **Kollez. Vol. XXXIX pII p764**).

(4) Ghalhekk, ad exemplum, “meta obbligazzjoni tigi annullata minhabba inkapacita` ta’ wiehed mill-kontraenti, ma taghtix lill-kontraent l-iehor ebda dritt ghar-restituzzjoni ta’ dak li jkun gie moghti, jew ta’ dak li jkun gie imhallas in forza ta’ din l-obbligazzjoni, imma di regola hija sogggetta ghall-eccezzjoni fil-kaz li jigi pruvat li l-haga moghtija jew imhallsa tkun avvantaggjat lil min kontra tieghu ssir l-azzjoni. Minn dan jitnissel li l-obbligazzjoni trid tkun giet kuntratta ma’ inkapaci, li l-istess ghalhekk tkun giet annullata, u l-pagament ikun gie realment maghmul in forza ta’ l-obbligazzjoni annullata” – **Kollez. Vol. XLI pII p816.**

Is-suesposti precizazzjonijiet huma annoverati wkoll fil-gurisprudenza estera, specjalment dik Taljana.

A propozitu fis-sentenza taghha tal-**5 ta’ Marzu 1991, Numru 2283**, il-Qorti tal-Kassazzjoni irrilevat illi, “l’azione di arricchimento senza causa e` proponibile soltanto nel caso in cui non sia prevista altra azione a tutela di colui che lamenta il depauperamento, ovvero quando la domanda sia stata respinta sotto il profilo della carenza

"ab origine" dell'azione proposta, e non anche nel caso in cui sia stata infruttuosamente sperimentata nel merito la domanda volta al soddisfacimento della pretesa".

Hekk insibu wkoll illi minhabba l-karattru sussidjarju taghha din l-azzjoni titqies inammissibbli "allorche chi la eserciti disponeva di un'azione che si e` prescritta o in relazione alle quale si sia verificata decadenza" (**Cassazione, 5 ta' April 2001, Numru 5072**) jew li fiha "sia rimasto soccombente in giudizio per ragioni di rito o di merito" (**Cassazione, 8 ta' Awissu 1996, Numru 7285**).

Premessi l-osservazzjonijiet appena accennati sewwa gie rilevat mit-Tribunal, anke jekk mhux b'mod approfondit, illi s-socjeta` appellanti kellha d-dritt tazzjona lid-debitur taghha li xtara minghandha "ceiling type air-condition" installat fil-hanut lokat lilu. Dan anke permezz tan-nomina ta' kuraturi deputati jekk dan l-istess debitur kien allontana ruhu minn Malta. Fic-cirkostanzi korrettement gie konkluz allura mit-Tribunal illi s-socjeta` attrici setghet tiehu passi ohra biex tittutela l-interessi u d-drittijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti, l-appell intavolat mis-sentenza tat-tribunal qed jigi michud u l-istess sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------